MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 400/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kienu dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni fit-13 ta' Novembru, elfejn u erbgha (2004), liema kuntratt gie redatt quddiem in-Nutar Pubbliku Dott Carmel Gafa' wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti kompetenti hawn anness u mFat bhala Dok. A;

Illi fost il-kundizzjonijiet hemm imposti fi klawzola numru 3 hemm illi l-konvenut kellu, la darba jibda jahdem, ihallas

manteniment lill-attrici, ghaliha u ghal bintha minuri, liema manteniment ma hux kwantifikat;

Illi in effetti, il-konvenut ghandu impjieg izda ma hux qed jivversa retta alimentarja ghall-attrici u bintha minuri u hemm inadempjenza assoluta da parti tal-konvenut li jasal fi ftehim dwar kemm ghandha tkun rata gusta ta' manteniment ghaliha u ghall-minur;

Illi in oltre, fi klawzola numru 1 insibu illi l-kontendenti irritenjew it-tnejn id-dritt li jabitaw fil-fond kojugali lilhom mikrija ossia Entrance D, Flat 3, Triq in-Nigret, Zurrieq, bil-modalita' hemm indikata;

Illi dan l-arrangament m'ghadux idoneu fic-cirkostanzi u dana minhabba bosta ragunijiet fosthom li l-konvenut qed juza vjolenza persistenti fuq l-attrici, qed jghix hajja raffrettarja ghall-ahhar, rarament jorqod id-dar u qed jirrifjuta li jkun jikko-partecipa fi hlasijiet ta' kontijiet ta' dawl, ilma u kera fost ohrajn;

Illi ghalhekk jidhrilha illi l-fond ghandu jigi allokat lilha;

Illi hija giet awtorizzata tipprocedi ghal din il-kawza bis-sahha tad-digriet numru ... datat ...

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna li ssir korrezzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni personali datat 13 ta' Novembru 2004, billi klawzola numru 1 tigi emendata u d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar konjugali fuq imsemmija jinghata esklussivament lill-attrici;

Tigi emendata klawzola numru 3 billi jigi indikat l-ammont ta' manteniment li jigi somministrat lill-attrici ghaliha u ghal bintha;

Tinnomina nutar pubbliku sabiex tippubblika l-att korrettorju relattiv;

Tahtar kuratur sabiex jirraprezenta l-interessi tal-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C B li eccepixxa:

Illi stante illi l-partijiet kienu ghamlu s-separazzjoni b’kuntratt u b’pattijiet illi huma vinkolanti bejniethom u jistghu jinbidlu biss bi ftehim bejn l-istess partijiet, eccettwat il-kwistjoni li ghandhom x’jaqsmu mal-minuri, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi stante illi l-partijiet volontarjament u liberament ghamlu l-kuntratt pubbliku illi huwa l-ligi ta’ bejniethom.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Ikkunsidrat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici li, ghalkemm debitament notifikata, ma gietx imwiegba.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob tibdil fil-kuntratt ta’ separazzjoni miftiehem bejnha u bejn zewgha l-intimat. Hija qeghda titlob tibdil dwar zewg oggetti u cioe’, id-dritt ta’ abitazzjoni fid-dar konjugali u l-iffissar ta’ manteniment ghaliha u ghal bintha minuri.

Manteniment

Klawzola 3 tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet testwalment tipprovdi illi:

“*Il-komparenti partijiet jiddikjaraw illi fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum, manteniment ma hux dovut, u dana peress li hadd mill-partijiet ma jahdem, izda fl-eventwalita’ li r-ragel jaqbad jahdem huwa jobbliga ruhu li jhallas manteniment lil martu ghaliha u ghal bintu minuri, bir-rata gusta u skond id-dhul li jkun qed jircievi u fin-nuqqas ta’*

*ftehim dwar tali manteniment skond kif jigi determinat minn dik il-Qorti kompetenti.*"

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-kundizzjoni kontemplata fl-istess klawzola fil-kuntratt fil-fatt avverat ruhha.

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Grech vs Grech**" (16 ta' April 2004), f'kaz simili:

"*Jidher car daqs il-kristall li fil-fatt il-partijiet kontraenti kienu altru milli investew il-punt dwar possibilita' o meno ta' revizjoni. Kwindi, din il-Qorti qajla tifhem l-iskop li ghalih kien hemm ghalfejn jinkitbu monografiji dwar id-dritt o meno ta' revizjoni f'dan il-kaz, kif intqal aktar qabel. Fi kliem iehor, kienet allura merament kostatazzjoni ta' fatt jekk kienx hemm cirkostanzi tali bhal dawk li jissemmew fil-klawzola surriferita li jiggustifikaw revizjoni 'l isfel tar-retta mhallsa mill-attur ghall-fini ta' manteniment.*"

D E, rapprezentant tal-korporazzjoni ghall-Impjieg u Tahrig xehedet hekk:

"*Gejt mitluba nipprovdi informazzjoni dwar l-impieg ta` C B, nghid illi bhalissa qed jahdem fuq bazi full time pero` bir-reduced hours bhala refuse collector B Elton John. Informazzjoni dwar x`paga jaqla`. Kien beda jahdem mieghu fit-2008, telaq xahar wara. Rega` beda fil-21 ta` Mejju, xahar wara u waqaf f`Novembru, 2008. Beda mieghu f`Jannar ta` din is-sena u skond ir-records taghna kien inqata` mir-registrazzjoni peress li nqabad jahdem waqt li kien qed jirregistra. Qed nezebixxi kopja ta` dawn id-dokumenti u qed jigu mFati ETC1, u 2. Kopja wkoll tar-rapport ta` meta nstab jahdem meta kien qed jirregistra. Dan qed nipprezentah u qed jigi mFat Dok. ETC3.*"

Imbaghad A B xehedet hekk:

"*Illi r-ragel tieghi C B jiehu hsieb iz-zwiemel u dan bi hlas ta` certu F u wiehed li jghidulu tal-G ma nafx x`jismu. Dawn ihalsuh talli jiehu hsieb iz-zwiemel. Hu jokey ukoll. Hu wiehed mill-aqwa jokies illi ghandna Malta.*"

L-istess intimat ma ressaq ebda prova biex b'xi mod jikkontradici dan kollu u ghalhekk il-Qorti qed tqis li huwa minnu li issa qed jahdem bi qliegh. Madanakollu, ma ngab lill-Qorti ebda hjiel dwar l-introjtu tieghu u l-bzonnijiet ta' martu u bintu. F'dan in-nuqqas, il-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa l-ammont ta' mija u hamsin Ewro (€150) kull erba' gimghat bhala alimenti ghall-mara flimkien ma' mitt Ewro (€100) kull erba' gimghat ghall-minuri.

Biex waslet ghal dan l-ammont, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' zghira tar-rikorrenti li ghandha possibilita' ssib impjieg biex tghin ruhha u lil bintha, kif ukoll l-ammont tal-paga minima nazzjonali li hija madwar sitt mitt Ewro (€600) kull erba' gimghat.

Abitazzjoni fid-dar matrimonjali

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda biex tenfasizza il-principju stabbilit li "*pacta sunt servanda*". Kuntratt jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet. Ribadit dan il-principju, u, ghalkemm dawn il-Qrati dejjem tendew ghall-osservanza rigidu tal-istess, minn zmien ghal zmien hassew in-necessita' li jvarjaw retta alimentari miftehma f'kuntratt ta' separazzjoni. Dan ghamluh f'certi cirkostanzi kkunsidrati gravi u eccezzjonali indipendenti mill-volonta' ta' min jitlob it-tibdil.

Fil-kawza fuq imsemmija "**Grech vs Grech**", il-Qorti rriteniet illi:

"*Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw pozizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita' li fl-interess tal-ordni pubbliku* (sottolinear ta' din il-Qorti), *li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas ir-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghall-varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi*

*propizji hija wahda ferm gusta mill-pozizzjoni addottata qabel.*"

Fic-cirkostanzi tal-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti llum, il-Qorti tqis li ghandha taddotta l-istess principju ghalkemm si tratta mhux ta' retta alimentari izda d-dritt ta' abitazzjoni fid-dar matrimonjali, li, ta' min jinnota tikkonsisti f'appartament.

F'dan ir-rigward, l-ewwel klawzola tal-kuntratt ta' separazzjoni testwalment tipprovdi kif gej:

"*Il-komparenti konjugi B qeghdin jitterminaw l-obbligu tal-koabitazzjoni u kull parti jkollha d-dritt li tabita ghal rasha u fejn trid, b'dan pero' li l-partijiet qeghdin jaqblu li kull parti jkollha d-dritt tibqa' tabita fid-dar konjugali ossia fi Flat 3, Entrance D, Binja Nigret – Zurrieq, bil-mara tuza esklussivament kamra tas-sodda wahda bl-ghamara ta' go fiha waqt li r-ragel juza esklussivament kamra tas-sodda ohra bl-ghamara ta' go fiha kif ilhom jaghmlu ghal dawn l-ahhar xhur, u b'dan ukoll li bl-ambjenti l-ohra tad-dar konjugali u l-ghamara l-ohra jibqghu in komun ghall-uzu u beneficcju taz-zewg partijiet. In oltre, il-partijiet qeghdin jaqblu li hadd hliefhom u binthom ma jista' jidhol jabita fid-dar konjugali.*"

Jirrizulta mill-provi prodotti li dan l-arrangament wassal ghal hafna dizgwid partikolarment in vista tal-fatt li l-intimat ghandu relazzjoni ma' mara ohra li maghha qed jabita u jzur lil martu u bintu biss f'okkazjonijiet, liema okkazjonijiet dejjem jirrizultaw fil-glied.

L-Ispettur Tonna xehed hekk:

"*Jiena sa ftit zmien ilu kont assenjat fid-distrett numru 7 u cioe` li jaghmlu minnu l-Hamrun u l-Marsa. Lis-Sinjura B jiena nafha. L-ewwel darba li ltqajt mal-koppja B kien lejn l-ahhar tas-sena 2006. Dawn kellhom disgwid fuq l-uzu tal-karozza u s-Sinjura B kienet ghamlet rapport. Kienet irrappurtat li kienet sabet tyres imnizzlin u mqattghin. … taghha kien ammetta maghna li kien nizzilhom hu. ... kien mar hu u sewwa l-ispejjez. Ghandi sensiela ta` rapporti*

*maghmulin mis-Sinjura B. Ir-rapporti kienu kollha jirrigwardaw vjolenza minn naha tar-ragel taghha. Gieli kienet giet anki mat-tifla. Kien hemm rapporti wkoll illi kien qed johdilha l-posta u l-kontijiet u wara li kellimnieh gieli tahomlha lura. Qed nigi muri r-rapporti illi hemm imFati Dok. SM5 sa 15, korrezzjoni, sa SM17 fil-process. Irrappurtat ukoll oggetti mkissrin anki wara s-separazzjoni. Hu kien iwieghedna li ha jixtrihom. Ghandi nghid illi ghalkemm certi rapporti kienu saru fl-ghassa taz-Zurrieq peress illi hi kienet tghix ma` ommha z-Zurrieq, korrezzjoni, peress illi hi kienet tghix ma` ommha l-Marsa u r-residenza taghha hija z-Zurrieq, ir-rapporti kienu jigu rregistrati fl-ghassa taz-Zurrieq pero` qed nipprezenta rapporti li qed jigu mmarkati Dok. MT1, 2 u 3 illi kienu gew maghmulin fl-ghassa tal-Hamrun. Nikkonferma r-rapporti l-ohra li hemm diga` prezentati.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2009 ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li sabet lill-istess C B hati, fost affarijiet ohra, ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' martu, rikorrent odjerna u bintu H. Din is-sitwazzjoni intollerabbli hija konfermata minn I u J K, genituri tar-rikorrenti, li kienu xhieda tat-tbengil u griehi fuq il-persuna ta' binthom.

L-Avukat tat-tfal, L M irrakkomandat is-segwenti:

"*Huwa importanti ukoll li s-sitwazzjoni fid-dar taghha tinbidel ghall-ahjar billi l-missier ma jibqax jghix aktar hemmhekk u jibda jghix f'xi post iehor.*"

Din il-Qorti tqis li dawn il-provi kollha, xejn minnhom kontradett mill-konvenut, iwassluha biex tiddipartixxi mill-principju fuq ribadit ta' "*pacta sunt servanda*" peress illi jezistu cirkostanzi li din il-Qorti tqishom gravissimi.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex tibqa' tghix fid-dar matrimonjali b'mod esklussiv flimkien ma' bintha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-intimat, tilqa' l-ewwel talba fis-sens illi r-rikorrenti A B ikollha wahedha dritt li tabita fid-dar konjugali Flat 3, Entrance D, Triq in-Nigret, Zurrieq, flimkien ma' bintha ad eskluzjoni ta' zewgha C B; tilqa' t-tieni talba u tordna li C B jghaddi lil martu kull erba' gimghat is-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) ghaliha u s-somma ta' mitt Ewro (€100) ghal bintha minuri. Il-Qorti tqis li t-tielet u r-raba' talba huma superfluwi.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------